MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**MANDUCA PHILIP**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2306/2002

**Sms Insurance Agency Ltd**

**Vs**

**Attard Maria Dolores**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm 368.21c (tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi) rappresentanti danni komplesssi rizultanti minn incident awtomobilistiku li sehh f' San Gwann nhar it-18 ta' Marzu, 2002 meta waqt il-konvenuta kien qeghda ssuq il-vettura BBF451 habtet mal-vettura LIZ226 misjuqa minn Elizabeth Azzopardi ghal liema incident il-konvenuta kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imprezija, neglizgenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre imsemmija danni, il-konvenuta ghandha thallas l-

ispejjes tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Settembru, 2002 u dawk ta’ l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-imghax legali.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci ;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**